# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 17 ta' Novembru 2017**

**Kawża Nru: 9**

**Rikors Ġuramentat Nru: 77 / 08 JA**

**C D**

**-vs-**

**E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors konġuntiv tal-partijiet preżentat fit-30 t'Awwissu 2017 li permezz tiegħu talbu illi l-istess Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ skond l-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili minflok it-talba tal-attur għal separazzjoni fir-rikors promotur;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha laqgħet it-talba biex it-talba tiġi konvertita f'waħda ta' divorzju;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2017 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza sabiex iż-żwieġ jinħall wara li l-partijiet waslu għal separazzjoni konsenswali u l-kuntratt relattiv ġie anke pubblikat;

**Rat illi l-partijiet illum stess preżentaw nota seduta stante li permezz taghha ġew ċeduti t-talbiet tal-attur fir-rikors promotur, kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenuta.**

Rat l-artikolu **66(D) (2)** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jgħid:

*"Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ."*

Rat illi jeżistu r-rekwiżiti kollha biex it-talba tiġi milqugħa.

**DEĊIŻJONI:**

**Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra fir-rikors promotur tal-attur, kif ukoll dawk fil-kontro-talba tal-konvenuta, tilqa' t-talba tal-partijiet magħmula fir-rikors tat-30 t'Awwissu 2017 b'dan għalhekk li tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.**

**Il-Qorti tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi għandu jirreġistraha skont l-istess provvedimenti tal-liġi fi żmien għoxrin ġurnata minn meta jiġi notifikat biha.**

**Spejjez ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef.**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**